MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2007

Talba Numru. 1872/2004

**Charles Grech & Co Ltd (C 2473)**
**Vs**
**Ashmar Holdings Limited (C 14656)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta Ottubru 2004, fejn intalab li s-socjeta konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf mitejn u tlieta u ghoxrin lira erbgha u ghoxrin centezmu (Lm1,223.24) rapprezentanti valur ta merkanzija konsistenti f'prodotti ta xorb debitament mibjugha u konsenjati lill-istess socjeta konvenuta skond ma kif jirrizulta minn dokument anness u markat Dok A.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja datata 26 ta Mejju 2004 (Dok B) u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-ahhar invoice kontra s-socjeta konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici ghas-subizzjoni tas-socjeta konvenuta sabiex twiegeb ghalihom bil-gurament taghha u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Ra illi ghalkemm notifikata legalment is-socjeta konvenuta naqset u ma deheritx la fis-seduta tat-12 ta Jannar 2007, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni taghha u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma kif rikjesta fl-ammont ta elf mitejn u tlieta u ghoxrin lira u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm1,223.24) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tad-19 ta Awissu 2003 kif jirrizulta minn dokument anness u markat bhala Dok A u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza kontra l-istess socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------